



Brussell, 31 ta' Jannar 2019
(OR. en)

6044/19

Fajl Interistituzzjonal:
2017/0136 (COD)

EF 41
ECOFIN 113
SURE 10
CODEC 287
DELACT 19

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Jannar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2019) 794 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 30.1.2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-lista ta' entitajiet eżentati

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2019) 794 final.

Mehmuż: C(2019) 794 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2019
C(2019) 794 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 30.1.2019

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
rigward il-lista ta' entitajiet eżentati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati ma jibqgħux jaapplikaw fir-Renju Unit u għaliex mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara dik in-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu. Minn meta d-dritt tal-Unjoni jieqaf jaapplika fir-Renju Unit u għaliex, l-eżenzjoni għal membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), korpi ta' Stati Membri oħrajin li jagħmlu funzjonijiet simili, u korpi pubbliċi oħrajin tal-Unjoni inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (UE) 2015/2365¹ ("SFTR") mhux se tibqa' tapplika għall-bank ċentrali tar-Renju Unit jew għal korpi pubbliċi inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha.

Il-Kummissjoni Ewropea ngħatat is-setgħa skont l-Artikolu 2(4) tal-SFTR li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex temenda l-lista ta' entitajiet eżentati fl-Artikolu 2(2) tal-SFTR.

Il-Kummissjoni Ewropea vvalutat it-trattament internazzjonali tal-banek ċentrali u ta' korpi pubbliċi oħrajin inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha firrigward ta' tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw titoli (SFTs, securities financing transactions) applikabbli fir-Renju Unit skont l-Artikolu 2(4) tal-SFTR. Din l-analiżi hija ppreżentata f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jakkumpanja dan l-att delegat. Ir-rapport jikkonkludi li, f'dan il-punt, jenħtieġ li l-bank ċentrali tar-Renju Unit u l-korpi pubbliċi inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha jiżdiedu mal-lista ta' entitajiet eżentati skont l-SFTR.

Ir-Renju Unit għandu, permezz ta' ittra lill-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2019, jagħti assigurazzjoni li huwa, b'effett minn meta d-dritt tal-Unjoni jieqaf jaapplika fir-Renju Unit, jeżenza mill-applikazzjoni tad-dritt domestiku tiegħu ekwivalenti għar-Regolament (UE) 2015/2365 lill-membri tal-SEBĊ u lill-korpi oħrajin tal-Istati Membri li jwettqu funzjonijiet simili u korpi tal-Unjoni oħrajin inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha, b'mod komparabbli mal-mod li fih il-Kummissjoni għamlet dan. Ir-Renju Unit għandu, permezz tal-istess ittra lill-Kummissjoni, anki jagħti assigurazzjoni rigward l-istatus, id-drittijiet u l-obbligi tal-membri tal-SEBĊ fid-dritt domestiku tar-Renju Unit.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw il-Grupp Espert tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri.

3. ELEMENTI ġURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 jispeċifika l-emendi li għandhom isiru fir-Regolament (UE) 2015/2365.

L-Artikolu 2 jipprevedi li r-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* u għandu jaapplika mill-għada tal-jum jum li fih l-SFTR jieqaf jaapplika għar-Renju Unit u fih.

¹ Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasprenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid, ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1-34

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 30.1.2019

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-lista ta' entitajiet eżentati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' xi ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara li tkun saret in-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perjodu.
- (2) Il-ftehim dwar il-ħruġ kif maqbul bejn in-negożjaturi fih arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih, lil hinn mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Jekk dak il-ftehim jidħol is-seħħ, ir-Regolament (UE) 2015/2365, inkluż l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(a) ta' dak ir-Regolament, se japplikaw għar-Renju Unit u fih matul il-perjodu ta' tranżizzjoni f'konformità ma' dak il-ftehim u se jieqfu japplikaw fi tmiem dak il-perjodu.
- (3) Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni jista', fl-assenza ta' kwalunkwe dispożizzjoni speċjali, ikollu l-effett li l-eżenzjoni għall-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u għal korpi ta' Stati Membri oħrajin li jwettqu funzjonijiet simili u għal korpi pubbliċi oħrajin tal-Unjoni inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (UE) 2015/2365 mhux se tibqa' tapplika għall-bank ċentrali tar-Renju Unit u għal korpi oħrajin li jwettqu funzjonijiet simili u għal korpi pubbliċi oħrajin inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha fir-Renju Unit.
- (4) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tat-trattament internazzjonali tal-banek ċentrali u l-korpi pubbliċi inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha skont il-liggiżiet li għandhom jiġu applikati fir-Renju Unit fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli wara l-ħruġ mill-Unjoni u ppreżentat il-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

¹

ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1.

- (5) Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li l-bank ċentrali tar-Renju Unit u l-korpi pubbliċi inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha jiġu eżentati mill-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 4 u r-rekwiżiti ta' trasparenza fl-użu mill-ġdid skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2015/2365.
- (6) L-awtoritajiet tar-Renju Unit taw assigurazzjoni dwar l-istatus, id-drittijiet u l-obbligi tal-membri tal-SEBĊ, inkluża l-intenzjoni tagħhom li jagħtu eżenzjoni komparabbli ma' dik prevista fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2015/2365, lil membri tal-SEBĊ u lil korpi ta' Stati Membri oħrajin li jwettqu funzjonijiet simili u lil korpi pubbliċi tal-Unjoni oħrajin inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha.
- (7) Konsegwentement, il-bank ċentrali tar-Renju Unit u korpi oħrajin li jwettqu funzjonijiet simili u korpi pubbliċi inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fiha fir-Renju Unit jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' entitajiet eżentati mniżżla fir-Regolament (UE) Nru 2015/2365.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/2365 jiġi emendat kif xieraq.
- (9) Il-Kummissjoni tkompli timmonitorja fuq bażi regolari t-trattament tal-banek ċentrali u l-korpi pubbliċi eżentati mill-obbligu ta' rapportar u r-rekwiżiti ta' trasparenza fl-użu mill-ġdid stabbiliti fil-lista fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 2015/2365. Din il-lista tista' tiġi aġġornata fl-isfond tal-iżvilupp ta' arranġamenti regolatorji f'dawk il-pajjiżi terzi u b'kont meħud ta' kwalunkwe sors ġdid ta' informazzjoni. Tali valutazzjoni mill-ġdid tista' twassal għat-tnejħija ta' ċerti pajjiżi terzi mil-lista ta' entitajiet eżentati,
- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħi bħala kwistjoni ta' urġenza u jenħtieġ li japplika mill-ġħada tal-jum li fih jieqaf japplika r-Regolament (UE) 2015/2365 għar-Renju Unit u fih.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2015/2365, jiżdied il-punt (c) li ġej:

“(c) il-bank ċentrali u l-korpi oħra li jwettqu funzjonijiet simili u l-korpi pubbliċi l-oħra inkarigati mill-amministrazzjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta’ Fuq.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-ġħada tal-jum li fih ir-Regolament (UE) 2015/2365 jieqaf japplika għar-Renju Unit u fih.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jaapplika direttament fl-Istati
Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30.1.2019

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER*